# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4: Jitwieled għalina**

**Lezzjoni 4.7: X'jgħallimna l-Milied**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu kif għandhom jgħixu fuq l-eżempji tal-personaġġi li jissemmew fil-Milied.
2. Jagħrfu x'għandhom jagħmlu biex fil-verità jgħixu l-Milied is-sena kollha.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Drama: Il-Presepju Jitkellem.
- Vidjow: Il-pasturi tal-presepju ta' Carmelo Borg

  http://www.youtube.com/watch?v=3d8Au1a7Jkg

- Worksheet 4.6

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Fakkar fil-karattri tal-presepju: il-kewkba, il-Madonna, San Ġużepp, is-Slaten, ir-rgħajja, l-anġli, il-baqra u l-ħmara. Kull Pastur għandu x'jgħallimna. Iddiskuti mat-tfal fuq full wieħed mill-pasturi.



- Staqsihom:

- Fejn qiegħda l-kewkba? Fuq l-għar barra.
- Fejn qiegħed Ġesù Bambin? Fin-nofs tal-għar.
- Fejn qegħdin Marija u Ġużeppi? Fuq kull naħa ta' Ġesù.
- Fejn qegħdin is-Saten? Bir-rigali quddiem il-maxtura.
- Fejn qegħdin il-ħmara u l-baqra? Wara l-maxtura ta' Ġesù.

Hekk naraw l-importanza tal-festa tal-Milied li fiha niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù Bambin. Kollox jiffoka fuqu ġewwa l-għar ta' Betlem.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-Lezzjoni)**

Stieden lill-istudenti jiddiskutu dwar Drama-Il- presepju jitkellem
Il-Kewkba: Tgħid li hi kienet li xandret lil kulħadd bil-miġja tal-Messija - Ġesù Bambin.
Marija: Tgħid li hi kienet hi li ġabet lil Ġesù tarbija fid-dinja.
Ġużeppi: Jgħid li hu ħa ħsieb li jwassal lil Marija ġo dak l-għar biex twelled lil Ġesù.
L-Anġli: Jgħidu li huma kienu li bil-kant tagħhom wasslu l-aħbar tat-twelid tal-Messija lir-rgħajja meta kienu fuq il-muntanji jirgħu n-ngħaġ.
Ir-Rgħajja: Huma kienu l-ewwel li meta raw il-kewkba fis-sema ntebħu bil-miġja tal-Messija fid-dinja. Huma marru biex jaraw u jaduraw lil Ġesù tarbija ġewwa l-għar.
Is-Slaten: Kienu huma li meta r-Re Erodi qalilhom biex taparsi jara lil Ġesù tarbija għaddew minn triq oħra biex waslu fil-għar. Ġabulu wkoll ir-rigali .

Il-Ħmara: Tgħid li hi għandha għax tifraħ f'dan il-jum. Hi kienet li ġarret lil Marija bit-tarbija fuq daharha t-triq kollha sa dak l-għar.
Il-Baqra: Tgħid li mn'alla kienet hi li saħħnet lit-tarbija Ġesù bin-nifs qawwi tagħha f'dak il-lejl kiesaħ tax-xitwa.

- Iffoka fuq kull wieħed u araw x'kellu jgħid. Spjega kif kollha wrew:

- imħabba lejn Ġesù – laqgħuh.
- ubbidjenza - li ħallew kollox u waslu sal-għar mad-dehra tal-kewkba jew mat-tħabbira tal-anġlu.
-paċi - kollha laqgħuh fil-paċi.

- Emfasizza li l-post tal-pasturi ġewwa l-għar urew:

- il-kewkba ħdejn l-anġlu – it-tnejn l-istess, li ħabbru t-twelid tat-tarbija Ġesù.
- is-Slaten ma' ġenb ir-rgħajja - sinjuri ħdejn il-fqar.
- il-baqra, il-ħmara u n-nagħġa fuq dahar ir-ragħaj-l-umiltà/l-imħabba.

- Emfasizza li anke l-imġiba malli semgħu t-tħabbira:

- Marija u Ġużeppi - ma qalu xejn lil ħadd, żammew kollox f'qalbhom.
- Is-Slaten u r-rgħajja -xerrdu l-aħbar kif kienu imġiegħla.

- Aħdem worksheet 4.6. Aqra s-silta mogħtija u agħti spjega ħafifa. Fuq bażi ta' klassi aħdem Attività A.
  Risposti: **Betlem- Erodi – tliet – re – lvant – nadurawh –kbarat – profeti – Iżrael -jarah.**
- Stieden lill-istudenti jaħdmu fi gruppi Attività B u wara jsir qsim ta' ideat fil-grupp il-kbir.
- Spjega Attività C u fakkar li biex inħobb lil Ġesù rrid nagħti mill-aħjar li għandi u mhux miż-żejjed li għandi.




**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Li Alla jkellem lil kulħadd f'qalbu.
2. Iħalli lil kulħadd jifhem dak li jħoss ġewwa qalbu.
3. Ġesù ried juri li l-veru Milied hu li ngħixu l-Milied is-sena kollha billi nużaw l-ferħ, l-għaqda u l-imħabba bħalma wrew il-pasturi ma' Ġesù Bambin f'dak il-lejl kiesaħ tax-xitwa.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Niftakru li Alla bagħat lil ibnu Ġesù biex iwassal l-paċi u r-rieda tajba lill-bnedmin għax iħobbna. Għalhekk, ejjew ngħidulu 'grazzi', u nwettqu dak li jixtieq Hu. Ejjew nittrattaw tajjeb lil xulxin u napprezzawhom aktar.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Uri vidjow:



*Il-Pasturi Tal-Presepju* ta' Carmelo Borg:
http://www.youtube.com/watch?v=3d8Au1a7Jkg

Fejn temfasizza x'ġara – l-għaqda , l-imħabba u l-paċi ta' bejniethom.

**Nitolbu**

Ġesu' Bambin, agħmel li ngħixu l-Milied is-sena kollha billi nwasslu l-paċi, l-għaqda u l-imħabba lil kulħadd bħalma għamlu l-karattri tal-prespju. Ammen.

